KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 90

**It-Tlieta 23 ta' April 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 90.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

90.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 90.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

90.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

90.2.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 90.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

90.3.1 Is-Sindku informa li l-Onor. Clint Camilleri kien għadu kif ħabbar li twaqqaf fond ghal skema dwar l-annimali u għaldaqstant issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħmel applikazzjoni għall-fondi biex isir id-*dog park* kif ukoll għal numru ta' *shelters* tal-qtates.

90.3.2 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien is-7:20pm.

90.3.3 Fuq suġġeriment tas-Sindku u wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir applikazzjoni ghal *No entry except for residents or to render a service* fi Pjazza San Oswald, Triq is-Sardinell (il-parti ta' hdejn il-*gym*); u għall-parkeġġ fi Triq il-Gladjoli.

90.3.4 Għall-mistoqsija tas-Sindku lis-SE dwar l-iskema tal-pannelli, is-SE infurmat li ma kienx irnexxielha ssib ħin biex tfittex dwar din il-possibbiltà.

90.3.5 Is-Sindku informa li huwa u s-SE kienu se jiffirmaw ftehim għal €30,000 għal proġett ta' rijabilitazzjoni tal-bosk flimkien ma' Ambjent Malta.

90.3.6 Is-Sindku hawnhekk ħa l-opportunità biex ji rringrazzja lill-Kunsilliera u lis-Segretarju Ezekuttiv għal dawn l-aħħar sitt snin tal-leġizlatura. Huwa qal li kienet legizlatura serena u qatt ma kien hemm dizgwid politiku jew personali. Huwa qal li huwa sodisfatt b'dak li nkiseb u bil-legat li se jitħalla.

## 90.4 Jum l-Imtarfa – Għoti tal-Ġieħ, Mertu u Premju Twanny Bugeja

90.4.1 Is-Sindku informa li ma kienx possibbli li naghmlu l-*pasta night* kif kien propost fil-laqgħa ta' qabel imma se tiġi organizzata s-serata poe-muzikali bħas-soltu. Huwa informa li bħala attività se tinkludi 3 kantanti, qari ta' poeziji, filmat, diskors tiegħu u bibita.

90.4.2 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud talab biex jitħalla jagħmel diskors bħala President tar-Reġjun. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li għandu jkun hemm allokazzjoni ta' ħin sabiex jagħmel diskors qasir.

## 90.5 Rapport dwar spejjez b'relazzjoni mal-ġemellaġġ ma' Pumpherston

90.5.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li skont il-LN 144 tal-2009, kull Kunsill huwa obbligat li jgħaddi rapport lid-Dipartiment dwar jekk sarux xi attivitajiet fir-rigward tal-ġemellaġġi li jkollu.

90.5.2 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport bl-ispejjez kollha relatati mal-ġemellaġġ ma' Pumpherston li kien jinkludi zjara minn 4 Kunsilliera, is-SE u numru sabiħ ta' residenti u membri minn entitajiet.

90.5.3 Il-Kunsill approva r-rapport (mehmuz) u kien hemm qbil li jista' jgħaddi lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 90.6 Offerta Nru. MTFLC/T/002/2019 – *Supply and installation of Mechanical and Electrical Services at the Clock Tower at Mtarfa*

90.6.1 Is-SE infurmat li sfortunatament ma kien hemm ebda *bidder* għal din l-offerta. Minħabba li din kienet it-tielet darba li ġiet ippubblikata kien hemm qbil li għandha ssir talba lill-Ministru u lid-Direttur sabiex issir *direct order* għal dan ix-xogħol.

90.6.2 Kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib tlett kwotazzjonijiet għax-xogħol rikjest.

## 90.7 Offerta Nru. MTFLC/003/2019 – *Supply and delivery of light fittings and luminaires for Ġnien is-Sinjura, Mtarfa*

90.7.1 B'riferenza għar-rapport ta' evalwazzjoni għal din l-offerta, is-SE infurmat li kien hemm zewġ offerenti izda li wieħed biss kien *compliant*. Kien hemm qbil li għandha tintagħzel dik li hija *compliant* miz-zewġ offerti mitfugħa.

## 90.8 Applikazzjoni tal-MAGF – Pjazza San Oswald

90.8.1 Hawnhekk il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa għal ftit minuti. Il-ħin kien it-7:50pm.

90.8.2 Il-laqgħa reġgħet bdiet fit-8:20pm.

90.8.3 Is-SE infurmat li minħabba li l-*capping* ta' dan il-proġett kien biss ta' €50,000 u anke minħabba li d-data tal-applikazzjoni kienet tagħlaq nhar it-Tlieta 30 ta' April kienet se tiddaħħal applikazzjoni għall-Pjazza San Oswald u mhux għall-ġnien ta' Triq is-27 ta' April minħabba xogħol kbir li tirrikjedi l-applikazzjoni u nuqqas ta' zmien biex isir. Hija infurmat li l-BOQ tal-proġett sħiħ kien tela' għal €87, 388 u li l-Kunsill kellu jaqbel li jagħmel tajjeb hu għad-differenza. Hija infurmat li kemm-il darba jkun approvat u jsir ix-xogħol, min-naħa tagħha kienet se tieħu ħsieb li tapplika għall-fondi tal-ko-finanzjament biex għallanqas il-Kunsill jirkupra l-maġġorparti mill-ispiza.

90.8.4 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

90.8.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech fir-rigward tal-kisi tal-istess pjazza, is-Sindku informa li x-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-triq kien ikkonfermat li se jsir minn IM.

## 90.9 Ċir AKL 2019/039 – Inizjattiva b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta – Skema għall-Anzjani

90.9.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni min-naħa tal-AKL fejn dawn kienu qed jipproponu skema għall-anzjani billi jiġu japplikaw mill-Kunsill u jingħataw fakultà li jidħlu f'siti storiċi mingħajr ħlas.

90.9.2 Il-Kunsill qabel li jifforma parti minn din l-inizjattiva.

## 90.10 Punti oħra

90.10.1 Is-SE infurmat li aktar kmieni dakinhar kienet attendiet għall-appell flimkien mas-Sindku, mal-*accountant* u mal-avukat tal-Kunsill fejn tat xhieda dwar il-fatt li r-raġuni li l-offerent kien ġie skwalifikat (flimkien ma' 4 kuntratturi oħra) kienet li l-valur għal kuntratt ta' kennies, *supervisor* u vann kien se jmur bil-wisq oltre minn dak li kien qed joffri l-appellant. Hija infurmat li d-deċizjoni tal-bord se tintbagħat aktar 'il quddiem.

90.10.2 Is-SE infurmat li kienet iddaħħlet applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-proġett tal-*outdoor gym* u *doggie park* u ddaħħlet ukoll applikazzjoni għall-iskema Sebbaħ il-Lokal biex tkopri l-ispejjez tal-installazzjoni u x-xiri ta' dawl ġdid għal Ġnien is-Sinjura.

90.10.3 Is-SE infurmat li matul ix-xahar li għadda kienet iddaħħlet ukoll applikazzjoni għal proġett tal-EU għan-*Network of Towns* u f'dawn il-ġranet kienet se tiġi ffinalizzata applikazzjoni għal *Youth Exchange*.

90.10.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet Ċirkulari Nru 4/2019 dwar l-Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali. Id-DLG kienu qed jitlobu lill-Kunsilli biex ma jinfetaħx l-uffiċċju. Huma infurmaw ukoll li ċ-ċerimonja tal-Ġurament se ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju u li l-Kunsilliera prezenti se jibqgħu fil-kariga sat-30 ta' Ġunju 2019.

90.10.5 Is-SE infurmat li kienet irċeviet *proposal* wieħed mingħand GreenMT wara li ntbagħtet ittra liz-zewġ skemi dwar il-ġabra ta' materjal riċiklabbli u inizjattivi ambjentali li jistgħu jittieħdu flimkien. Il-Kunsill qabel li jiffirma l-ftehim ma' GreenMT.

90.10.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni dwar finanzjament ta' apparat għal sistemi ta' irrigazzjoni. Hija infurmat li kienet se tipprova titfa' applikazzjoni bl-għajnuna tal-konsulent ekoloġiku Benjamin Camilleri.

90.10.7 Kien hemm qbil li jintefgħu tliet possibbiltajiet, waħda għal Triq il-Gladjoli, għall-bosk u għal Ġnien is-Sinjura.

90.10.8 Għall-fini ta' rekords issemma' li kienet inzammet attività politika (PL) fis-sala tal-kunsill.

## 90.11 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana

90.11.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li dwar il-mistoqsija tas-Sindku matul il-laqgħa preċedenti, minħabba li l-kompozizzjoni tar-Reġjun se tinbidel, kien ġust li wieħed jistenna sakemm ikun hemm Reġjun ġdid. Huwa ma eskluda l-ebda possibbiltà li 'l quddiem isiru proġetti bi sħab bejn il-kunsill u r-Reġjun.

## 90.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

90.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Vella ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 90.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

90.13.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:05pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 26 ta' Mejju 2019 fis-7:15pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 26 ta' Mejju 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |